**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tat-23 ta' Gunju, 2020**

**Kawza numru: 586/2016 AM**

**Numru fuq il-lista: 04**

**Atlas Insurance pcc Limited kif surrogata fid-dritt tal-assigurat taghha**
**Lara Cuschieri (K.I. 293085M)**
**50, Ta' Xbiex Seafront**
**Ta' Xbiex**
**Vs**
**Kunsill Lokali Birkirkara**
**Civic Centre 2nd Floor**
**Triq Tumas Fenech**
**Birkirkara**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mis-socjeta' attrici fl-14 ta' Dicembru 2016 li permezz tieghu talab li l-Kunsill konvenut jigi ordna jhallasha s-somma ta' hames mija u disgha u hamsin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€559.85c) rapprezentanti danni sofferti minn Lara Cuschieri fil-vettura taghha bin-numru ta' registrazzjoni BUP 555 assikurata mas-socjeta' attrici, meta saqet ghal fuq hofra li kienet fi Triq il-Knisja il-Qadima Birkirkara fis-27 ta' Frar 2015 ghal liema triq il-Kunsill konvenut huwa unikament responsabbli.

Ra r-risposta tal-Kunsill konvenut li permezz taghha eccepixxa a fol 15 li l-allegat incident sehh kawza ta' xoghol hazin da parti tal-kuntrattur, perit u project manager li kienu involuti fil-pavimentar mertu ta' din l-kawza; li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra r-risposta tal-kjamat in kawza l-Perit Reuben Sciortino fol 20, li permezz taghha huwa eccepixxa li ma ghandu ebda relazzjoni guridika mal-attrici ta' dawn il-proceduri u ghaldaqstant gie mharrek inutilment; li huwa qeda d-doveri u l-obbligi minnu assunti skont dak mitlub minnu u ghaldaqstant ma ghandux iwiegeb ghal ebda danni; li l-Kunsill intimat ippermetta li t-triq in kwistjoni tintuza mhux skont kif l-istess triq giet dizinjata u kkummissjonata u dan minkejja li l-istess Kunsill kien gie bosta drabi interpellat mill-istess kjamat in kawza sabiex dan ma jsirx.

Ra r-risposta tal-kjamat in kawza Projecta Consulting li eccepiet li ma hemmx awtorizzazzjoni sabiex hija tigi kjamata fil-kawza ai termini tal-Artikolu 960 et; li l-allegazzjonijiet kollha kontra l-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt; li x-xogholijiet li kellhom isiru mill-esponenti saru u dan ai termini tat-tender dokument mahrug propozitu rigward dan il-progett; li ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Ra r-risposta tas-socjeta' kjamata in kawza V & C Contractors Limited li permezz taghha eccepiet li hija mhix responsabbli ghall-incident de quo billi t-triq fejn sehh l-incident ma kienetx intiza sabiex jghaddu minn fuqha heavy vehicles. Il-Kunsill konvenut ippermetta li jghaddu heavy vehicles mill-imsemmija triq u ghalhekk saritilha l-hsara li waslet ghall-incident de quo.

Ra l-verbal ta' dan it-Tribunal tad-09 ta' Marzu 2017 li permezz tieghu l-partijiet kollha ddikjaraw li ma hemmx oggezzjoni ghal kjamati fil-kawza minkejja li ma kienx hemm digriet ad hoc minn dan it-Tribunal.

Ha konjizzjoni tax-xhieda kollha prodotti u tad-dokumenti kollha prodotti.

Ra li mill-atti l-kjamati fil-kawza kienu kollha involuti fil-progett ta' resurfacing and streetscape works at Triq Tommaso Dingli Birkirkara u mhux fit-triq fejn gara l-incidenti cioe' fi Triq il-Knisja l-Qadima Birkirkara.

Ra li l-Kunsill konvenut ma gab ebda prova li huwa ma hux responsabbli ghal-incident de quo li gara fi Triq il-Knisja l-Qadima Birkirkara izda baqa' jibbaza d-difiza tieghu dwar Triq Tommaso Dingli Birkirkara. L-istess Kunsill ma kkontestax ghalhekk li l-incident de quo ma garx fi Triq il-Knisja l-Qadima Birkirkara kif qed tallega s-socjeta' attrici.

Illi mill-atti jirrizulta ghalhekk li t-talbiet attrici gew sodisfacenti ppruvati .

It-Tribunal ghalhekk filwaqt li jiddeplora dan l-agir tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara, qed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, jichad l-eccezzjonijiet tal-Kunsill Lokali Birkirkara, u jillibera lil kjamati kollha fil-kawza mill-osservanza tal-gudizzju, u jordna lil Kunsill Lokali Birkirkara ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u disgha u hamsin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€559.85c) bl-imghax legali mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Awwissu 2016 u tal-kjamati in kawza a karigu tal-Kunsill konvenut.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**